A.L. 303 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord tad-Diretturi" tfisser il-Bord tad-Diretturi ta' Heritage Malta;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Kors maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tad-Diretturi, li jinkludi membru mill-Fakultà ta' l-Arti bħala Chairman u mill-anqas membru minn kull waħda mill-Fakultà ta' l-Arti, mill-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy, minn Heritage Malta, minn Palazzo Spinelli, mill-Istitut tal-Mediterran u mill-Istitut;

"il-Fakultà ta' l-Arti" tfisser il-Fakultà ta' l-Arti ta' l-Università ta' Malta;

"il-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy" tfisser il-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy ta' l-Università ta' Malta;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A.;

"Heritage Malta" tfisser Heritage Malta, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Mużewijiet, il-Prattika tal-Konservazzjoni u l-Wirt Kulturali;

"l-Istitut" tfisser l-Institute of Conservation and Management of Cultural Heritage ta' Heritage Malta;

"l-Istitut tal-Mediterran" tfisser l-Istitut tal-Mediterran ta' l-Università ta' Malta;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A.;

"Palazzo Spinelli" tfisser l-Istituto per l'Arte e il Restauro ta' Firenze, l-Italja; u

"is-Senat" tfisser is-Senat ta' l-Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-grad ta' Bachelor in Conservation and Restoration Studies (Honours), jew il-Bachelor of Arts (Honours) fl-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, l-Istorja, l-Istorja ta' l-Arti, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji tat-Teatru jew l-Istudji tat-Turiżmu, jew il-Bachelor of Architecture and Civil Engineering (Honours), jew il-Bachelor of Commerce (Honours), b'mill-anqas it-Tieni Klassi ta' din l-Università; jew

(b) kwalifika li l-Bord ta' l-Istudji jqis komparabbli mal-gradi mniżżla fil-paragrafu (a) b'mill-anqas it-Tieni Klassi u li huma kapaċi jissodisfaw lill-Bord ta' l-Istudji li huma għandhom id-dispożizzjoni meħtieġa biex jidħlu fil-Kors, normalment permezz ta' intervista.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fi studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time*.

Ir-Reġistrazzjoni

5. L-applikanti li jixtiequ jirreġistraw għall-Kors għandhom japplikaw fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. Il-kors ta' l-istudji jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu ECTS, inklużi taqsimiet studju mgħallma u taqsimiet studju prattiċi li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 kredtu ECTS.

Il-Programm ta' Studju u l-Katalgu tat-Taqsimiet Studju

7. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji programm ta' studju għall-Kors u għandu jippubblika katalgu tat-taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħrajn, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-isem tal-letturi li jgħallmu t-taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jinkludi wkoll linji gwida dwar kif isiru s-seminars, id-dissertazzjoni u d-difiża orali tagħha. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' studju u l-katalgu qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord ta' l-Istudji jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Valutazzjoni

8. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju kollha għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tal-Grad.

9. (1) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' xi taqsima studju għandhom ikollhom valutazzjoni supplimentari li għandha ssir fis-sessjoni ta' l-eżamijiet skedata li jmiss u għandha normalment issir bl-istess metodu ta' valutazzjoni bħall-ewwel valutazzjoni. Fil-każ ta' assenjamenti li jsiru d-dar li hemm bżonn jerġgħu jiġu eżaminati, il-valutazzjoni supplimentari għandha ssir bi ftehim mal-lettur ikkonċernat.

(2) L-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw f'valutazzjonijiet supplimentari huma 45% - grad D.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari ta' taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

10. L-istudenti ma jistgħux jerġgħu jkunu valutati f'taqsima studju jekk huma jkunu diġà ngħataw il-kredti għaliha.

11. Il-Bord ta' l-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jittrasferixxu kredti miksuba għal taqsimiet studju f'kors ta' studji ta' din l-Università jew ta' istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat, sakemm dawn it-taqsimiet studju jkunu komparabbli fil-kontenut u fil-livell ma' dawk offruti fil-Kors. Mhux aktar minn terz ta' l-għadd ta' kredti meħtieġa għall-għoti tal-Grad ma jistgħu jkunu trasferuti b'dan il-mod.

Id-Dissertazzjoni

12. Il-Bord ta' l-Istudji huwa responsabbli għall-approvazzjoni tat-titlu u tal-proposta ta' riċerka li għandhom jingħataw skond il-proċeduri magħmula minnu, u għandu jaħtar superviżur għal kull student.

13. Id-dissertazzjonijiet ippreżentati għall-Grad għandhom:

(a) ikunu xogħol ta' natura avvanzata jew oriġinali fil-qasam ta' studju ta' l-istudent;
(b) jissodisfaw lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni;
(ċ) ikunu twal bejn l-20,000 u l-25,000 kelma; u
(d) jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-linji gwida rilevanti dwar il-format.

14. L-istudenti għandhom jippreżentaw erba' kopji llegati tad-dissertazzjoni lill-Istitut, li waħda minnhom tinżamm fil-librerija ta' l-Università u l-oħra fil-librerija ta' l-Istitut.

15. L-ebda dissertazzjoni ma tkun milqugħa jekk tkun identika fis-sustanza għal dokument diġà sottomess għal grad ta' din l-Università jew ta' università oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. Iżda, l-istudenti ma jinżammux milli jinkorporaw xogħol

li sar qabel li jista' jkun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għal fehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li x-xeħta u l-medda tax-xogħol inkorporat ikunu ndikati biċ-ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjoni

16. (1) L-istudenti għandhom jirrapportaw għand is-superviżur tagħhom mill-anqas darba fix-xahar u barra minn hekk skond kif is-superviżur iqis meħtieġ.

(2) Is-superviżuri huma meħtieġa jissottomettu rapporti regolari dwar l-istudenti lill-Bord ta' l-Istudji. Dawn ir-rapporti jistgħu jirrakkomandaw li l-perijodu ta' studji jkun estiż biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni, sakemm l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija tkun skond il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tar-regolament 4.

(3) L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji għal xi modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-konentut tad-dissertazzjoni. Id-dissertazzjoni normalment ma tistgħax tkun sottomessa lill-Bord ta' l-Eżaminaturi minghajr l-approvazzjoni tas-superviżur.

L-Eżami tad-Dissertazzjoni

17. (1) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur għad-dissertazzjni għandu normalment ikun magħmul minn erba' membri kif ġej: iċ-chairman u tliet membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, ieħor eżaminatur lokali u l-ieħor ikun eżaminatur barrani.

(2) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għad-dissertazzjoni jeħtieġ lill-istudenti jiddefendu d-dissertazzjoni oralment quddiemhom. M'hemmx għalfejn li l-eżaminatur barrani jkun preżenti għad-difiża orali sakemm hu/hi tibgħat rapport adegwat u sakemm li tliet membri jmexxu l-eżami *viva voce*.

18. (1) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom titqies mhux sodisfaċenti jistgħu jew jitqiesu li weħlu minghajr ma jingħataw l-opportunità biex jerġgħu jissottomettu x-xogħol għal valutazzjoni mill-ġdid jew ikunu meħtieġa mill-Bord ta' l-Eżaminaturi jerġgħu jiktbu d-dokument kollu jew parti minnu u jerġgħu jissottomettuh għal valutazzjoni mill-ġdid mhux qabel xahrejn u mhux aktar tard minn sitt xhur minn notifika tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi għad-dissertazzjoni.

(2) L-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw għal dissertazzjoni wara valutazzjoni mill-ġdid ikunu 45% - grad D.

(3) L-studenti jistgħu jingħataw marka u grad li għaddew mid-dissertazzjoni bil-kundizzjoni li jagħmlu emendi minuri u/jew korrezzjonijiet fi żmien mhux aktar minn xahar. F'dawn il-każijiet, il-marka effettivament tingħata meta t-tibdiliet meħtieġa jkunu saru għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l-Eżaminaturi.

L-Għoti tal-Grad

19. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-komponenti kollha tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull komponent.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.